MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 272/2012

**Bjorn Grima**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Bjorn Grima** fis-17 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu ippremetta:

*"Illi l-esponent ghadu kif ircieva ittra minghand l-Awtorita` intimata fejn gie nfurmat illi nzammitlu l-licenzja tas-sewqan tieghu minhabba li wehel ammont ta' penalty points illi jimmeritaw li tali licenzja tinzamm.*

*Illi kopja tal-ittra qed tigi esebita bhala Dok A.*

*Illi huwa hass ruhu aggravat mid-decizjoni fuq imsemmija tal-10 ta' Settembru 2012 u qed jintavola appell.*

*Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Illi preliminarjament id-decizjoni mibghuta lill-appellant permezz ta' ittra datata 23 ta' Lulju 2012 hija wahda irritwali ghaliex m'hijiex konformi mal-Att Dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Att. XV tal-2009).*

*Illi l-artikolu 46(5) ta' dan l-Att jghid:*

> *"Meta l-Awtorita` tkun qed tipproponi li tichad li taghti jew iggedded licenzja, jew li tissospendi jew thassar licenzja, hija ghandha tavza b'dan lill-applikant jew lid-detentur tal-licenzja, taghti r-ragunijiet ghal dik ic-cahda, sospensjoni jew revoka u ghandha tikkunsidra kull osservazzjoni li ssir bil-miktub mill-applikant jew mid-detentur tal-licenzja fi zmien erbatax-il jum minn dik in-notifika."*

*Illi skont id-definizzjonijiet tal-bidu tal-Att "licenzja" tinkludi "permess".*

*Illi ghalkemm l-Awtorita` intimata qed ticcita l-Avviz Legali 191 tal-2002 kif sussegwentement emendat (Subsidiary Legislation 65.18) pero` mkien f'dan l-Avviz Legali ma nsibu illi l-Artikolu 46(5) tal-Att XV tal-2009 (Kap 499) li huwa l-att principali ma japplikax.*

*Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, il-kontravvenzjonijiet in kwistjoni ma gewx kommessi mill-esponent u allura ma jmissux jinghata l-penalty points relattivi. Fil-fatt l-esponent huwa dealer u meta kien ibiegh xi vettura kien ihalliha registrata fuq ismu biex jaccerta ruhu illi jithallas. Meta jithallas il-prezz kollu, allura kien jaghmel it-transfer. Fil-frattemp pero` in-nies li kienu jixtru l-vetturi*

*minghandu, meta kienu jehlu xi kontravvenzjoni kienu jhallsu lill-esponent li kien ihallas il-kontravvenzjoni. Dan jirrizulta kjarament mill-fatt illi l-kontravvenzjonijiet jirriferu ghal numru kbir ta' vetturi. Ladarba l-kontravvenzjonijiet ma sehhewx tort tieghu u ladarba allura huwa ma haqqux il-penalty points relattivi, allura m'hemmx lok ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-Awtorita` kif kontenuta f'ittra tal-Awtorita` tal-10 ta' Settembru 2012 u konsegwentement jordna illi l-esponent jerga' jinghata l-licenzja tas-sewqan u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 5 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Illi in linea preliminari dana t-Tribunal m'huwiex kompetenti rationae materie u dana peress illi kif jidher car mill-premessi tar-rikors promotorju, ir-rikorrenti qed jitlob lit-Tribunal li jirrivedi sentenza jew sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati jew tal-Kummissjoni tal-Gustizzja u mhux talba ta' revizjoni ta' xi decizjoni amministrattiva.*

*Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita` esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi effettivament ma hadet ebda decizjoni amministrattiva, izda agixxiet kif previst u obbligata skont Regolament 40 tal-L.S. 65.18.*

*Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dana peress illi r-revoka tal-licenzja tas-sewqan hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

*Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, ir-rikorrenti ma ssollevax l-eccezzjoni li ma kienx hu s-sewwieq li kkommetta l-kontravenzjonijiet relattivi, fil-hin u fil-waqt propizju u cioe` jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew quddiem il-Kummissjoni tal-Gustizzja u kwindi dawk id-decizjonijiet huma llum meqjusa bhala res judicata, allura l-konkluzjonijiet legali u kundanni relattivi huma u ghandhom jibqghu jindirizzaw unikament lill-istess rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra x-xhieda tar-rikorrent tal-4 ta' Dicembru 2012[1];

Sema' ix-xhieda ta' Brian Farrugia moghtija fis-seduti tas-26 ta' Novembru 2013[2] u tat-30 ta' Mejju 2014[3];

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproceda b'dan ir-rikors peress li hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra tal-10 ta' Settembru 2012, liema ittra kienet tghid is-segwenti:-

***"I refer to your letter dated the 1st August, re the recording of penalty points on the driving license of Mr. Bjorn Grima, ID card number 344185M.***

***I would like to inform you that Transport Malta is informed by a computerized system that Mr. Grima was found guilty of contraventions regarding the driving license and as is in SUBSIDIARY LEGISLATION 65.18."***

[1] A fol. 21 et seq tal-process
[2] A fol. 58 et seq tal-process
[3] A fol. 70 et seq tal-process

***Thus Transport Malta is obliged to note the penalty points on the Probation Driving License and Counterpart. One can contact the Petitions Board, P.O. Box 62, Victoria, Gozo or on telephone number 22002301 in case of a complaint and they will inform us accordingly if the penalty points are to be included or removed from Mr. Grima's driving license."***[4]

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrent kien ircieva ittra kontenenti decizjoni dwar ir-revoka tal-licenzja tas-sewqan tieghu da parti tal-Awtorita` intimata datata 23 ta' Lulju 2012, liema ittra qatt ma giet esebita fil-mori ta' dawn il-proceduri. Jidher illi wara l-imsemmija ittra, ir-rikorrent, permezz tal-konsulent legali tieghu, kien baghat ittra lill-Awtorita` intimata datata 1 ta' Awissu 2012[5], liema ittra giet imwiegba permezz ta' ittra ohra datata 10 ta' Settembru 2012 (Dok A a fol. 4) u riprodotta aktar 'il fuq. Mir-rikors promutur jidher illi r-rikorrent qieghed jappella, fost affarijiet ohra, kontra d-"decizjoni" mehuda f'din l-ittra u cioe dik tal-10 ta' Settembru 2012.

Illi r-rikorrent xehed illi l-ewwel darba li sar jaf li l-Awtorita` intimata kienet se tirrevokalu l-licenzja kien meta kien mar proprju biex igedded il-licenzja pero ma jiftakarx meta kien. Huwa stqarr ukoll illi kien jaf li **l-licenzja tieghu kienet bi prova, fis-sens li jekk jehel citazzjonijiet kien jehel punti penali li jistghu itellfulu l-licenzja.**[6] Illi ghalhekk, dak sottomess mill-abbli difensur tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni orali, u cioe li l-Awtorita` intimata ma gabitx prova li l-licenzja tar-rikorrent kienet wahda *probationary* huwa mxejjen minn dak li stqarr l-istess rikorrent. Dan apparti provi dokumentarji ohra li ma gewx kontestati mir-rikorrent bhal perezempju Dok BF1 a fol. 52 fejn hemm car u tond imnizzel li lir-rikorrent kienet inhargitlu licenzja tas-sewqan bi prova fis-17 ta' Mejju 2007.

Illi **Brian Farrugia**, rapprezentant tal-Awtorita` intimata, spjega illi peress li r-rikorrent fi tlett snin ghaqqad 12-il punt fuq il-licenzja tas-sewqan bi prova, l-istess licenzja giet revokata mill-Awtorita` intimata. Jispjega illi fit-2 ta' Gunju 2008 l-Awtorita` intimata kienet informat lir-rikorrent li kien qala' l-ewwel

4 Dok A a fol. 4
5 Lanqas din l-ittra jew kopja taghha ma giet esebita fil-mori
6 Ara xhieda tar-rikorrent a fol. 23

punti penali ghax ghamel xi kontravvenzjonijiet u talbuh jiehu l-licenzja ghandhom halli jnizzlulu l-punti fuq l-istess licenzja, u r-rikorrent hekk ghamel. Jispjega illi sussegwentement, fit-8 ta' Ottubru 2008, regghu baghtu ghar-rikorrent pero r-rikorrent ma kienx mar biex tigi aggornata l-istess licenzja b'punti penali ulterjuri. L-istess xhud spjega illi fis-7 ta' April 2009 ir-rikorrent kien akkumula total ta' 12-il punt u allura harget ittra awtomatika mis-sistema fejn avzat lir-rikorrent li l-licenzja tas-sewqan tieghu kienet qed tigi revokata. Illi spjega li din l-ittra tohrog awtomatikament mis-sistema u ma tinzammx kopja taghha mill-Awtorita` intimata. Mir-records tal-Awtorita` jirrizulta illi l-istess ittra intbaghtet fl-4 ta' Lulju 2009 u li permezz taghha r-rikorrent gie infurmat li kien akkumula n-numru ta' punti penali li jgibu l-konsegwenza tar-revoka tal-licenzja. Spjega wkoll li l-istess licenzja kienet fil-fatt ingabret mill-Awtorita` fit-30 ta' Awissu 2013 wara illi fid-9 ta' Awissu 2013 l-Awtorita` kienet bghatet ittra ohra lir-rikorrent biex jirritorna l-licenzja.[7]

Illi kwindi dan it-Tribunal ghandu ghaliex jifhem illi d-decizjoni amministrattiva, anke jekk b'mod awtomatiku, li tigi revokata l-licenzja tar-rikorrent ittiehdet fl-4 ta' Lulju 2009. **Madakollu dan it-Tribunal jinsab fl-izvantagg li ma jistghax jezamina l-istess ittra li kienet tikkontjeni l-istess decizjoni peress li din tigi iggenerata darba wahda biss minn sistema kompjuterizzata u, kif gie spjegat mir-rapprezentant tal-Awtorita` intimata, ma hix il-prassi tal-Awtorita` intimata li zzomm kopja taghha.** Da parti tieghu ir-rikorrent jghid li hu qatt ma rcieva din id-decizjoni, fatt li l-Awtorita` ma hix f'posizzjoni li tikkontesta stante li l-istess decizjoni ma intbaghtitx b'posta registrata.

**Illi dan it-Tribunal isib li din mhix prassi amministrattiva ideali li Awtorita` tohrog decizjoni dwar revoka ta' licenzja tas-sewqan u lanqas biss izzomm kopja taghha!**

Illi dan it-Tribunal lanqas ma ghandu xi certezza li l-istess decizjoni giet notifikata lir-rikorrent stante li kif gie rilevat iktar 'il fuq l-istess ittra ma

[7] Dok BF1 a fol. 68 tal-process

intbaghtitx b'posta registrata, prassi ohra li ma tawgura xejn tajjeb ghal amministrazzjoni tajba, specjalment fejn tirrigwarda revoka ta' licenzja.

Illi maghdud dan kollu, it-Tribunal se jhares issa lejn il-qofol tal-kwistjoni u cioe jekk l-Awtorita` intimata agixxietx tajjeb jew le fil-konfront tar-rikorrent.

Illi dan it-Tribunal se jibda biex jezamina l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` intimata.

Permezz tal-**ewwel eccezzjoni** l-Awtorita` intimata tghid li dan it-Tribunal mhux kompetenti *ratione materiae* ghaliex dak li qed jitlob ir-rikorrent mhix revizjoni ta' decizjoni amministrattiva izda revizjoni ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati jew tal-Kummissjoni (recte: Kummissarju) tal-Gustizzja.

Illi dan it-Tribunal jirrileva li dan mhux il-kaz. Dak li qieghed jitlob ir-rikorrent mhix ir-revizjoni tal-kazijiet decizi mill-Qorti jew mill-Kummisarju ghal-Gustizzja imma proprju revizjoni tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata li tirrevokalu l-licenzja tas-sewqan wara li ghaqqad 12-il punt penali, liema decizjoni taqa' perfettament fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" li dan it-Tribunal huwa kompetenti li jirrivedi ai termini tal-Artikolu 7 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva.

Illi dan kollu mbaghad huwa msahhah minn dak li jipprovdi l-istess Att Dwar l-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) u cioe:-

*"40. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

*(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li* ***tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza***[8] *jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza;..."*

**Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni qieghdha tigi michuda.**

Illi permezz tat-**tieni eccezzjoni**, l-Awtorita` intimata teccepixxi li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hi ma hadet ebda decizjoni amministrattiva, izda agixxiet kif previst u obbligata taghmel skond Regolament 40 tal-L.S. 65.18.

Illi it-Tribunal jirrileva illi lanqas fuq din l-eccezzjoni l-Awtorita` m'ghandha ragun. Wahda mill-funzjonijiet appuntu ta' dan it-Tribunal hija dik li jirrevedi decizjonijiet li awtoritajiet pubblici jkunu hadu abbazi tal-ligi. Ma jfissirx illi ghaliex il-ligi taghti s-setgha lil xi awtorita` pubblika tiddeciedi, allura dik id-decizjoni hija insindikabbli. Hija proprju din wahda mill-funzjonijiet ta' dan it-Tribunal, u cioe li jezamina jekk, minkejja li l-awtorita` partikolari tkun mghonija bis-setgha legali li tiddeciedi, dik id-decizjoni mehuda tkunx wahda gusta jew le.

**Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni wkoll qieghdha tigi respinta.**

Illi ghalhekk jibqa' issa li jigi ezaminat il-**mertu** tar-rikors odjern.

Illi ai termini tal-artikolu 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar Vetturi Bil-Mutur (Licenzi tas-Sewqan) ***"Liċenza tas-sewqan bi prova tiġi revokata jekk, f'xi żmien matul il-perijodu ta' tliet snin bi prova, id-detentur ta' dik il-liċenza jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar."***

[8] Enfasi tat-Tribunal

Illi jirrizulta illi minn meta r-rikorrent ottjena l-licenzja sa meta intbaghtet l-ittra tal-4 ta' Lulju 2009 ir-rikorrent kien inghata hmistax-il (15) punt ta' penali u dan kif jirrizulta minn Dok BF 1 a fol. 56 tal-process. Dawn kienu punti ta' penali ghal kontravvenzjonijiet imwettqa fis-segwenti dati u cioe:-

26 ta' Frar 2008

18 ta' Gunju 2008

22 ta' Awissu 2008

2 ta' April 2009

8 ta' Jannar 2009

Illi l-istess kontravvenzjonijiet bl-ebda mod ma gew michuda li fil-fatt sehhew. Anzi r-rikorrent jammetti li l-vetturi li permezz taghhom saru l-kontravvenzjonijiet in kwistjoni fil-fatt kienu registrati fuq ismu peress li hu kien jinnegozja fil-bejgh ta'vetturi. Huwa spjega wkoll li l-vetturi involuti kien ihallihom fuq ismu meta jbieghhom sakemm jithallas il-prezz kollu tal-vettura. Huwa spjega li wara li tkun twettqet il-kontravvenzjoni, meta xi hadd mix-xerrejja kien johodlu l-penali imposti ghall-istess kontravvenzjoni, huwa kien imur ihallas ghall-istess kontravvenzjoni.

Illi minn ezami ta' Dok BF1 a fol. 56 u 57 tal-process jirrizulta illi l-kontravvenzjonijiet fid-dati msemmija iktar 'il fuq kienu jikkonsistu fis-segwenti u cioe:-

| **Data** | **Kodici tal-kontravvenzjoni** |
|---|---|
| 26 ta' Frar 2008 | MS3 |
| 18 ta' Gunju 2008 | MS3 |
| 22 ta' Awissu 2008 | MS3 |

2 ta' April 2009 MS2

8 ta' Jannar 2009 MS2

Jekk wiehed imur fis-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 isib li l-kodici MS3 jirrelata ma' "**sewqan minghajr ic-cintorin tas-sigurta`"** filwaqt li l-kodici MS2 jirrelata ma' **"uzu ta' mobile phone waqt is-sewqan"**. Illi dawn il-kontravvenzjonijiet igorru maghhom minn tlieta (3) sa sitt (6) punti ta' penali. Fil-fatt ir-rikorrent inghata tlett (3) punti penali ghal kull wahda kif jirrizulta mid-dokument a fol. 56 u 57. Illi kwindi meta l-Awtorita` intimat irrevokatlu l-licenzja kienet in regola ma dak li tistipula l-ligi.

Illi r-rikorrent joggezzjona ghall-ghoti ta' dawn il-punti penali peress li jsostni li ma kienx huwa li ghamel il-kontravvenzjonijiet u ghalhekk ma kellux jigi penalizzat b'dan il-mod. Illi t-Tribunal josserva li r-rikorrent ma gabx farka prova illi fil-fatt huwa negozjant tal-karozzi. Lanqas ma ressaq bhala xhieda l-persuni li suppost xtraw il-vetturi in kwistjoni minghandu sabiex jikkonfermaw il-verzjoni tieghu. Lanqas perezempju ma ressaq xi prova dwar xi tip ta' licenzja li ghandu ghall-allegat negozju tieghu. U ghalhekk, in linea mal-principju li min jallega irid jipprova, dan it-Tribunal mhux qieghed jaccetta s-sottomissjoni illi l-kontravvenzjonijiet in kwistjoni gew imwettqa minn terzi u mhux mill-appellant. Illi anke, *dato ma non concesso,* illi l-istess kontravvenzjonijiet gew imwettqa minn terzi, kien huwa li qed jircievi t-tahrikiet ghall-istess pero jirrizulta illi huwa baqa' inattiv u l-maggor parti minnhom jirrizulta li ma kkontestahomx *a tempo vergine* bil-possibilita` li f'dak l-istadju jressaq il-provi li skond hu setghu jiskolpawh mill-pieni li eventwalment wasslu ghall-imposizzjoni tal-punti penali fuq il-licenzja bi prova tieghu.

Illi t-Tribunal jinnota li fiz-zmien li giet revokata l-licenzja mertu ta' dan ir-rikors, u cioe fl-4 ta' Lulju 2009, ma kienx ghadu dahal fis-sehh l-Att Dwar l-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta, liema Att gie in vigore fl-1 ta' Jannar 2010.[9]

---

[9] Permezz tal-Avviz Legali 349 tal-2009

Dan l-Att stabilixxa, *inter alia*, l-mod kif l-Awtorita ghandha tagixxi meta tkun se tirrevoka licenzja ta' kwalunkwe tip. Infatti, ai termini tal-artikolu 46 (6) tal-imsemmi Att *"meta l-Awtorita` tkun qed tipproponi li tichad li taghti jew iggedded licenza, jew li tissospendi jew thassar licenza, hija ghandha* ***tavza b'dan lill-applikant jew lid-detentur tal-licenzji****,*[10] *taghti r-ragunijiet ghal dik ic-cahda, sospensjoni jew revoka u ghandha tikkunsidra kull osservazzjoni li ssir bil-miktub mill-applikant jew mid-detentur tal-licenza fi zmien erbatax-il jum minn dik in-notifika."*

Iktar minn hekk, ai termini tal-artikolu 46 (7) tal-Att su citat *"(7) Jekk l-Awtorità, wara li tkun qieset dawk l-ilmenti jew x'uħud minnhom, tiddeċiedi li tiċħad li tagħti jew iġġedded liċenza jew awtorizzazzjoni jew li tissospendi jew tirrevoka l-liċenza jew awtorizzazzjoni, hija għandha tavża lill-applikant jew lid-detentur bid-deċiżjoni tagħha u tagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni li tkun ser twassal għal dik is-sospensjoni jew revoka u tinformah dwar il-proċedura biex ikun jista' jsir appell minn dik id-deċiżjoni."*

Illi t-Tribunal ihoss illi l-Att fuq citat kien pass 'il quddiem fis-salvagwardja tad-drittijiet tac-cittadin ghax issa meta l-Awtorita` intimata tkun se tirrevoka xi licenzja trid qabel xejn tavza lill-persuna koncernata u taghtih zmien biex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu. In oltre, l-Awtorita` intimata, fid-decizjoni finali taghha ghandha d-dover li tinforma lill-persuna koncernata id-dritt taghha li tappella l-istess decizjoni.

Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistghax japplika retroattivament l-istess ligi kif rikjest fir-rikors promutur, u huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi kif kienu jezistu qabel ma gie fis-sehh l-Att Dwar l-Awtorita` Ghat-Trasport, l-istess Awtorita` agixxiet fil-parametri tal-ligi anke jekk kien ikun iktar desiderabbli li l-prattici taghha ikunu iktar ta' salvagwardja ghac-cittadin.

Illi fid-dawl ta' dan kollu dan it-Tribunal qieghed jirrakomanda biex f'kazijiet simili id-decizjoni tar-revoka ta' licenzja tigi mgharrfa lill-persuna koncernata b'mod li jkun hemm certezza li din id-decizjoni waslet ghandu. L-Awtorita` tajjeb li tifhem illi hemm konsegwenzi serji, fost ohrajn, penali ta' certu

[10] Enfasi tat-Tribunal

portata, meta persuna tkun qed issuq minghajr ma tkun koperta b'licenzja valida tas-sewqan u ghaldaqstant persuna m'ghandhiex issib ruhha skoperta minn licenzja meta lanqas possibilment tkun giet mgharrfa bir-revoka tal-istess licenzja.

Illi finalment, it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm ir-rikorrent, fit-talba tieghu, jghid li qieghed jappella mid-decizjoni kif kontenuta fl-ittra tal-10 ta' Settembru 2012, minn qari tal-istess ittra jirrizulta li din ma tikkontjeni l-ebda forma ta' decizjoni. L-ittra hija pjuttost wahda informattiva u mhux decisiva. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma huwiex tal-fehma illi f'tali ittra ittiehdet xi decizjoni amministrattiva u ghalhekk ma jarax li hemm xi decizjoni li tista' tigi revokata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, qieghed jilqa' l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-istess Awtorita` u konsegwentement jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------